

# Bizzilla Maltija

Kulhadd sema' bil-bizzilla Maltija. Il-bizzilla Maltija kienet xoghol tal-idejn mill-iktar popolari, hafna snin ilu. Kważi l-bniet kollha ta' Malta u Ghawdex kienu jitghallmu din l-arti.

Arti?! X'arti hi din?! Daqs kemm donnu fiha komplikazzjonijiet. Eżatt dak huwa dan li jaghmel dan ix-xoghol tal-idejn biċċa xoghol tal-arti.

Ara kemm hi antika, int taf li l-ewwel darba li hija mniżżla fil-kotba tal-istorja huwa f'reġistru tal-1530? Taf x'qed nghidu kważi 500 sena ilu!

Nafu mill-istorja li fil-bidu kienu s-sorijiet tal-Imdina li kienu jahdmuha, imbaghad kompliet tkun aktar popolari biż-żmien. Nafu li f' Ghawdex kien hemm fabbrika u hafna nisa kienu jahdmu fiha biex jaqilghu l-flus. Meta r-Reġina Elizabetta kien ghada Priċipessa kienet marret tarahom jahdmu u kienu tawha xalla.

Illum ftit ghadhom jahdmu l-bizzilla…Int tithajjar titghallimha?

# Aghti l-kulur



kultura